MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 153/2008

**Ivan Formosa**

**v.**

**Michael Caruana u**
**Joe Mikallef**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali mill-Pulizija Ezekuttiva, permezz ta’ tahrika ta’ kawza privata, u fuq kwerela ta’ Ivan Formosa, kontra Michael Caruana bhala editur tal-gurnal *In-Nazzjon*, Stamperija Indipendenza, Pieta` u kontra Joe Mikallef bhala awtur fl-istess gurnal talli (**1**) permezz ta’ rapport miktub mill-imsemmi Joe Mikallef u ppublikat mill-imsemmi Michael Caruana intestat **“Id-delitt ta’ Joseph Formosa fil-Qawra – Inqatel minn ‘habib’”**, liema rapport gie ppublikat f’pagna 1 [1] fil-harga tal-10 ta’ Dicembru 1999 tal-gurnal *In-Nazzjon*

---

[1] U jkompli f’pagna 3.

bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu l-gieh tal-mejjet Joseph Formosa, wegghu lil Ivan Formosa bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinni jew b'xi mod iehor, billi offendew il-memorja ta' l-imsemmi huh; u aktar (**2**) ikkommettew defamazzjoni u malafama lit-tifkira tal-mejjet Joseph Formosa (u b'hekk ivvjolaw id-drittijiet ta' Ivan Formosa bhala huh) billi attribwew lill-mejjet Joseph Formosa fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

Rat is-sentenza preliminari tad-9 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha dik il-qorti rrespingiet l-eccezzjoni preliminari tal-imputati, liema eccezzjoni kienet fis-sens li safejn l-azzjoni kienet ibbazata fuq l-Artikolu 252 tal-Kap. 9, dana l-artikolu ma kienx applikabbli stante li kienet applikabbli biss il-ligi dwar l-istampa;

Rat is-sentenza – finali – tal-20 ta' Mejju 2008 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imputati (kwerelati) mill-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom;

Rat ir-rikors ta' appell tal-kwerelant Ivan Formosa, minnu ppresentat fis-26 ta' Mejju 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza b'mod ghalhekk li qed jitlob li din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – ssib lill-kwerelati appellati Caruana u Mikallef hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tal-5 ta' Settembru 2008 u 11 ta' Settembru 2008; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-5 ta' Settembru 2008 l-abbili difensur ta' l-appellati, l-Avukat Dott. Joseph Zammit Maempel, eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell "ghar-raguni li l-kwerela ma setghetx tigi prezentata minn Ivan Formosa izda kellha tigi prezentata jew kollettivament mill-persuni kollha msemmija fil-ligi jew wara li l-persuni li kienu indikati qablu jkunu rrinunzjaw ghall-kwerela". Din l-eccezzjoni torbot mal-paragrafi 5 u 6 tar-risposta ghall-

appell tal-appellati Caruana u Mikallef – minnhom pprezentata fil-5 ta’ Awissu 2008, fol. 121 sa 123 tal-atti – fejn l-istess appellati, tramite l-imsemmi difensur, ghamlu referenza ghall-artikolu 255 tal-Kap. 9, jew, aktar precizament, ghall-*proviso* ta’ dik id-disposizzjoni. Dan il-*proviso* jghid hekk:

**“Izda jekk il-parti offiza tmut qabel ma tkun ghamlet il-kwerela, jew jekk l-ingurja ssir kontra t-tifkira tal-persuna mejta, jistghu jaghmlu l-kwerela l-mara jew ir-ragel, l-axxendenti, id-dixxendenti, l-ahwa, subien u bniet, u l-werrieta immedjati.”**

Skond l-appellati, galadarba l-armla, l-axxendenti u d-dixxendenti ma rrinunzjawx ghall-kwerela, ma kienx jispetta lil hu l-mejjet, Ivan Formosa, li jisporgi l-kwerela li tat bidu ghal dawn il-proceduri.

Din il-Qorti ma tara ebda validita` f’din l-eccezzjoni. Apparti li tali eccezzjoni kellha, se mai, tigi sollevata quddiem l-ewwel qorti – haga li ma saritx – u mhux issa fi stadju ta’ appell, il-*proviso* ta’ l-Artikolu 255 appena citat ma jimponi ebda “ordni” li a bazi tieghu ghandha jew tista’ ssir il-kwerela. Fi kliem iehor, il-konjugi tal-mejjet jew tal-mejta, kif ukoll l-axxendenti u d-dixxendenti tieghu jew taghha, jistghu, ghal ragunijiet li jafu huma, ma jkollhom ebda interess li jittutelaw it-tifkira tal-mejjet, mentri l-ahwa tal-mejjet jew tal-mejta ikollhom tali interess. Bhalma l-Artkolu 542 tal-Kap. 9 ma jimponi ebda “ordni” li ghandu jigi segwit, u l-kwerela tista’ ssir minn hu jew oht il-vittma ghan-nom ta’ l-istess vittma anke jekk dan ikun mizzewweg jew ikollu dixxendenti jew axxendenti hajjin, hekk ukoll il-*proviso* tal-Artikolu 255 ma jezigi ebda tali “ordni” jew “sekwenza”. L-anqas ma huma korretti l-appellati meta jikkontendu illi jekk dan il-*proviso* ma jinghatax din l-interpretazzjoni allura jista’ jigri “…li kull persuna fil-lista[2] ghandha d-dritt tipprocedi b’dan li persuna ssib ruhha affrontata minn numru illimitat [3] ta’ proceduri kriminali kontra taghha.” Ir-reat ta’

[2] Jigifieri msemmija fil-*proviso* in kwistjoni.
[3] Recte: “…rinfaccata b’numru llimitat…”

"diffamazzjoni tat-tifkira" ta' persuna mejta[4] jitqies bhala li jivvjola d-drittijiet tal-qraba u tal-eredi kollha ta' dik il-persuna mejta, b'tali mod li jekk il-kwerela ssir minn qarib wiehed biss, l-ezitu tal-kawza ikun ta' ostakolu ghal proceduri kriminali ohra kontra min ikun qal jew kiteb il-kliem allegatament diffamatorji, u dan a bazi tal-principju enuncjat fl-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li *"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra."* Kif inhu risaput, u skond duttrina u gurisprudenza kostanti, dan il-principju ta' *ne bis in idem* japplika sija meta jkun hemm liberazzjoni u sia meta jkun hemm sejbien ta' htija.

Fir-risposta taghhom tal-5 ta' Awissu 2008 aktar 'l fuq imsemmija, l-appellati Caruana u Mikallef ighidu li huma "qeghdin isostnu l-eccezzjoni preliminari taghhom u cioe` illi Ivan Formosa, l-kwerelant u hu l-mejjet, ma setax jistitwixxi l-proceduri odjerni."[5] Kjarament hawnhekk l-appellati qed jirreferi ghall-eccezzjoni li giet deciza bis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2002. Jekk b'din l-affermazzjoni, u cioe` li "qeghdin isostnu l-eccezzjoni preliminari taghhom", l-appellati qed jippretendu li jistghu jew li qeghdin jappellaw mis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2002, din il-Qorti bla ezitazzjoni tiddikjara li huma ma ghandhom ebda tali dritt ta' appell. Jekk dik is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2002 kienet sentenza *in parte* u mhux semplici digriet interlokutorju, tali dritt ta' appell, jekk kien jezisti taht l-Artikolu 413(1) tal-Kap. 9, kellu jigi ezercitat fi zmien tmint ijiem tax-xoghol mill-ghoti ta' dik is-sentenza; jekk, invece, dik is-sentenza titqies bhala semplici digriet interlokutorju, id-dritt ta' appell ta' Caruana u Mikallef ma jezistix galadarba huma gew liberati fil-meritu (u dan b'applikazzjoni tal-principju enuncjat fl-Artikolu 415(2) tal-Kap. 9). *Tertium non datur*.

Nigu issa ghall-meritu, u cioe` ghall-aggravji tal-appellant Ivan Formosa. Ghalkemm fir-rikors ta' appell tieghu huwa jelenka hames aggravji, dawn jistghu jigu bazikament

[4] Ara *passim* **Perit Joseph Briffa v. John A. Mizzi** Qorti ta' l-Appell, 17 ta' Ottubru 1997.
[5] Ara l-paragrafu 5 ta' l-imsemmija risposta.

sintetizzati f'aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li l-artikolu inkriminat ma kienx jaghti malafama lit-tifkira tal-mejjet Joseph Formosa. L-appellant jikkritika b'mod partikolari is-segwenti espressjonijiet uzati mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha, u cioe` *"Ghalhekk il-fatt biss illi l-gazzetta rreklamat persuna omosesswali ma jfissirx illi b'daqshekk din il-persuna nghatat xi malafama…l-allegazzjoni ta' malafama minhabba l-uzu ta' dak it-terminu mhuwiex xi haga li llum fil-wiehed u ghoxrin seklu tista' tigi accettata."* L-appellant jargumenta implicitament li dawn l-espressjonijiet jammontaw ghal enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi. L-appellant jishaq li l-ewwel qorti "halltet l-attitudini popolari lejn l-omosesswalita` mad-dritt ta' persuna li ma tigix stigmatizzata omosesswali – anzi 'a known homosexual'", u jghid li fir-rapport inkriminat il-gurnalist naqas mid-dmir tieghu li jivverifika l-fatti sew qabel ma attribwixxa fatt malafamanti, direttament jew b'implikazzjoni, lill-mejjet.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-artikolu inkriminat. Dana l-artikolu gie ppublikat kwazi gimgha wara li kien inqatel deliberatament – cioe` <u>mhux kaz</u> ta' omicidju <u>involontarju</u>, izda ta' wiehed <u>volontarju</u> – Joseph Formosa fil-Qawra. L-artikolu – li din il-Qorti trid tghid mill-ewwel hu miktub bi stil nieqes minn xi sensazzjonalizmu manifest – jikkoncentra principalment fuq id-diffikultajiet li jidher li kienu qed jiffaccjaw il-pulizija fl-investigazzjoni tal-kaz. L-artikolista jghid li l-pulizija kienu qed jinvestigaw ukoll it-tezi jew pista li d-delitt sehh fi sfond ta' xi relazzjoni omosesswali li l-mejjet seta' kellu ma' min effettivament qatlu. Ghalkemm il-kelma "omosesswali" jew "omosesswalita`" imkien ma tissemma' fl-artikolu, tali tezi jew pista tirrizulta implicitament izda b'mod car mis-segwenti kliem:

**"Sorsi qrib l-investigaturi fil-qtil ta' Joseph Formosa li nqatel lejn tmiem il-gimgha l-ohra huma tal-fehma li dan seta' nqatel minn 'habib'…Il-Pulizija qed jemmnu li min qatlu seta' qatlu minhabba kwistjoni ta' relazzjoni u hu proprju minhabba f'hekk li ngabru ghad ta' rgiel li b'xi mod kellhom konnessjonijiet mieghu. Bosta minnhom nifhmu li ammettew mal-**

**Pulizija li kienu jafuh u whud minnhom ammettew ukoll li kienu jafuh hafna."**

Din il-Qorti hasbet fit-tul kemm dwar l-aspetti fattwali kif ukoll dawk legali involuti f'din il-kawza, u waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

**1.** L-ewwel qorti ma kienitx ghal kollox korretta fl-assezjoni generika taghha li l-attribuzzjoni tal-kondizzjoni jew tendenza ta' omosesswalita` ma tista' qatt tkun malafamanti, u ghalhekk f'dan is-sens l-appellant hu korrett meta jargumenta li l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi, liema *error iuris* jirradika d-dritt ta' appell tal-kwerelant skond il-gurisprudenza dwar l-Artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) tal-Kodici Kriminali[6]. Ghalkemm huwa minnu li l-orjentazzjoni sesswali tal-persuna m'ghadhiex aktar tant ta' interess socjali ghajr illi jigi assigurat li ma jkunx hemm diskriminazzjoni kontra l-ligi (jigifieri li tkun nieqsa minn "objective and reasonable justification"[7]) minhabba tali orjentazzjoni, ma jfissirx, pero`, mill-banda l-ohra, li l-attribuzzjoni ta' tali timbru – u specjalment meta ma ssirx distinzjoni cara bejn il-kondizzjoni jew tendenza omosesswali u atti omosesswali – ma tistax tkun malafamanti. Kollox jiddependi mic-cirkustanzi partikolari ta' kull kaz, inkluz il-mod kif jinkiteb jew jinghad il-kliem, u l-motiv wara dak l-istess kliem. Anke f'pajjiz bhar-Renju Unit, fejn l-attitudini lejn persuni omosesswali hija x'aktarx aktar liberali milli hija hawn Malta, il-punt ghadu wiehed spinuz dwar jekk allegazzjoni ta' omosesswalita` tistax tkun diffamatorja. Hekk, per ezempju, David Price u Korieh Duodu, fil-ktieb taghhom ***Defamation – Law, Procedure and Practice*** [8] jesprimu ruhhom hekk:

**"There has been recent judicial doubt that an allegation of homosexuality is capable of being defamatory, however a claimant will often circumvent this by claiming that it amounts to an allegation that**

[6] Ara a propositu is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jean Paul Carachi u Neville Borg**.
[7] Ara **Speadea and Scalabrino v. Italy** ECHR 28 ta' Settembru 1995.
[8] Sweet & Maxwell (London), 2004.

**he has been hypocritical about his sexuality or, where married, that he has also been unfaithful.”** [9]

U l-edituri tal-ghaxar edizzjoni ta’ ***Gatley on Libel and Slander*** [10], wara li jsemmu kazijiet fejn l-attribuzzjoni ta’ certu tip ta’ kondotta sesswali lil persuna giet meqjusa bhala malafamanti, ikomplu hekk:

**“However in this field more than any other standards have changed, and a jury must consider the case on its view of the standards of today. Unmarried cohabitation is now so widespeard that it is not looked on as discreditable in large sections (perhaps the greater part) of society, and attitudes towards homosexuality have also changed markedly. We have perhaps not yet reached the stage where it would be proper for a judge to withdraw from the jury an allegation without more that a woman was cohabiting outside marriage or that a man was a practising homosexual, but a jury might now be invited with some prospect of success to decide that these allegations were not in fact defamatory without more. In practice, however, these cases are usually presented as involving some further imputation such as hypocrisy or exploitation.”** [11]

**2.** Fil-kaz in dizamina ghandna forma ta’ gurnalizmu investigattiv li qed isegwi l-izviluppi fl-investigazzjoni mill-Pulizija ta’ kaz ta’ omicidju volontarju. Certament hemm element ta’ interess pubbliku qawwi f’tali incident – omicidju volontarju huwa dejjem reat serju hafna u li jallarma lis-socjeta`, u ghalhekk huwa legittimu ghall-gazzetti li, wara d-debiti verifiki, ighaddu t-taghrif li jkollhom dwar il-kaz lill-pubbliku (u fl-istess waqt iridu joqghodu attenti li ma jaghtux taghrif li jista’ jkun ta’ ghajnuna lil min ikun wettaq id-delitt biex ma jinqabadx!) Kif gie ritenut mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta’ Settembru 2007 fl-ismijiet **Joe Galea v. Joe Mifsud**, meta qorti tkun rinfaccjata b’gurnalizmu verament

[9] Pagna 18, para. 2-18.
[10] Sweet & Maxwell (London), 2004.
[11] Para. 2.20, pagni 53, 54.

investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudini mill-aktar wiesgha lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed *fair* o meno (ara, ez. **Victor Pace v. Joe Azzopardi et** Qorti ta' l-Appell, 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li, jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppublikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-*House of Lords* tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet **Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL** [2006] UKHL 44; [2006] All ER (D) 132 (Oct)).

**3.** Minn qari ta' l-artikolu inkriminat, din il-Qorti tara li dana kien artikolu responsabbli li b'ebda mod ma jista' jinghad li oltrepassa l-limiti ta' dak li kien mistenni minn gurnalist responsabbli li qed isegwi l-izviluppi fl-investigazzjonijiet ta' delitt serju. Izda mhux hekk biss: jirrizulta bhala fatt li l-pulizija kienu verament qed jinvestigaw il-pista tar-relazzjonijiet omosesswali li l-mejjet seta' kellu, kif jirrizulta mid-deposizzjoni tal-Ispettur Chris Pullicino moghtija fit-18 ta' Jannar 2006. Inoltre, mid-deposizzjoni ta' l-istess kwerelant Ivan Formosa tad-19 ta' Ottubru 2004 jirrizulta li mart il-mejjet kienet allegat mieghu li r-raguni li kienet isseparat minn ma' zewgha kienet ghax huwa kien omosesswali. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, kienet allura altru milli gustifikata l-Pulizija li tinvestiga attivament din il-"linja", u kienet ukoll gustifikata l-gazzetta in kwistjoni li tippubblika, b'mod prudenti u b'mod serju, it-taghrif li kellha dwar l-istess investigazzjonijiet tal-Pulizija.

**4.** Konsegwentement din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, ma tara li kien hemm xejn malafamanti f'dak li gie ppublikat, peress li f'dan il-kaz kellu jipprevali d-dritt ghall-informazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------